MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tat-30 ta' April, 2007

Talba Numru. 1051/2005

**Atlas Insurance Agency Ltd (C 5601) kif surrogati bil-Ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assigurat taghhom Gaetano Debono (ID 065363 M) u l-istess Gaetano Debono f' ismu proprju**

**Vs**

**Martino Cutajar**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tas-socjeta' attrici li permezz tieghu tablet lit-Tribunal jordna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma komplessiva ta' mitejn u disghin lira Maltin (Lm290), jew somma verjuri, danni mhallsa mis-socjeta' attrici fuq vettura DEB 020, assikurata comprehensive, u ghal liema somma s-socjeta' attrici tinsab surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Gaetano Debono u dan b'rizultat ta' habta li grat fit-3 ta' Dicembru, 2004, f'tal-Pieta', meta waqt li kien qed isuq il-vettura GVH 159 l-konvenut habat mal-vettura DEB 020 ta' Gaetano Debono, misjuqa minnu, u ghal liema incident l-istess konvenut kien unikament responsabbli;

Bl-ispejjes, inkluzi dawk ta' l-ittra legali tas-7 ta' Jannar, 2005 u ta' l-ittra ufficjali tad-29 ta' Marzu, 2005 u bl-imghax tat-8% fuq mitejn u disghin Lira Maltin (Lm290) mid-29 ta' Marzu, 2005, sal-hlas effettiv u bl-ispejjes ta' l-ittra ufficjali risalenti ghall-istess data tal-avviz rikjesta mil-ligi kontra Gasan Mamo Insurance Agency Ltd., assiguraturi tal-konvenut, u hmistax il-lira Maltin (Lm15) konsult, kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni;

Ra r-risposta tal-konvenut li eccepixxa illi t-talba attrici ghandha tigi respinta stante illi fl-ewwel lok huwa mhuwiex responsabbli ghad-danni allegatament sofferti mill-attur peress illi huwa mhuwiex responsabbli ghall-incident li sehh fit-3 ta' Dicembru, 2004 bejn il-vetturi bir-registrazzjoni GVH 159 u DEB 020;

Fit-tieni lok, huwa jeccepixxi illi l-incident huwa unikament rizultat tan-negligenza, imperizja u nuqqas tat-tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-attur kif kellu jirrizulta waqt is-smiegh u trattazzjoni tal-kawza;

Fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost il-konvenut jeccepixxi illi l-attur ghandu jgib il-prova tad-danni li jallega li sofra;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Ra x-xhieda ta' PS 1575 Robert Fava, li investiga l-kollizzjoni li sehhet fit-3 ta' Dicembru, 2004, gewwa l-Pieta' bejn il-vettura DEB 020 u GVH 159 u esebixxa l-iskizz, flimkien mar-rapport u kkonferma l-kontenut taghhom;

Dan ix-xhud jispjega li wahda mill-vetturi kienet miexja 'l quddiem u l-ohra kienet miexja bir-*reverse*. Vettura DEB 020 kienet fuq in-naha taghha. Huwa izid jghid li ma kienx hemm indikazzjoni li xi hadd caqlaq il-vetturi;

Ra x-xhieda ta' Gaetano Debono, l-assikurat tas-socjeta' attrici, li jispjega li dakinhar tat-3 ta' Dicembru, 2004, kien qed isuq il-vettura tieghu DEB 020, il-Pieta'

biex jidhol fil-*parking areas* li hemm ma' genb il-klabb tal-bocci. Dahal fuq ix-xellug, u cioe' in-naha tieghu. Peress li kien hemm kantun wieqaf fuq ix-xellug tieghu, kellu johrog ftit 'l barra biex ighaddi u kien f'dak il-hin li ra karozza pparkjata tirriversja ghal fuqu b'mod li ma tahx cans jevita l-habta u fil-fatt dik il-vettura baqghet diehla go fih.

Jikkonferma li hu kellu polza ta' assikurazzjoni *fully comprehensive* u kien hallas l-*excess*, filwaqt li gie rimborsat mis-socjeta' attrici;

Ra x-xhieda tal-konvenut Martino Cutajar li jikkonferma l-posizzjoni tal-vettura li kien qed isuq hu u dik misjuqa mill-attur skond kif hemm indikat fl-iskizz. Jispjega li generalment jipparkja mal-hajt biex ma jkunx fin-nofs u ssoltu jkun hemm postijiet vojta warajh;

Dakinhar ta' l-incident ighid li kellu jmur Wied Incita u kien qed isuq b'lura u dan peress li kien hares lura u ma kienx ra karozzi. Sadanittant, kien dahal l-attur biex jipparkja, izda lahqu hadulu postu u waqaf hesrem. Ighid li sakemm kien qed ihares minn kull direzzjoni sabiex jivverifika jekk kienux gejjin vetturi sab ruhu imwahhal mal-vettura tal-attur, Kien f'dan il-mument li kien ra l-vettura ta' l-attur l-ewwel darba.

Jikkonferma li mill-*car park* tidhol u tohrog mill-istess post;

Il-konvenut xehed ukoll li dakinhar ta' l-incident kien qed isuq bil-mod. Ighid li sabiex irriversja madwar hamsin pied, kien hemm terza persuna barra li kienet qed tidderegih, peress li ma tantx kien hemm wiesgha mill-post fejn kienet il-vettura tieghu u l-vetturi li kienu pparkeggjati.

Il-konvenut ighid ukoll li mill-posizzjoni tieghu meta sehh l-impatt, ma kienitx tghaddi karozza la minn naha u lanqas mill-ohra. Minn fejn kien ipparkjat bilfors kellu jsuq b'lura u johrog b'linja dritta. Kien qed ihares wara u anke mill-mera tax-xellug kif ukoll tal-lemin;

Fl-ahharnett il-konvenut jikkonferma li meta sehh l-impatt il-vettura ta' l-attur kienet wieqfa;

Ra x-xhieda ta' Anthony Borg, li kien qed ighin lill-konvenut fuq xi xoghol fil-gnien ta' Sa' Maison. Kien hu li kien qed ighin lill-konvenut johrog il-vettura b'lura. Jispjega li waqt li kien qed jirriversja l-konvenut, kien hemm post li tbattal, izda mbaghad mtela'. Ighid li waqt li kien qed jirriversja, zgur kienet tghaddi vettura ohra minn mal-genb tieghu;

Ix-xhud ighid ukoll, li fil-pront kienet dahlet il-vettura ta' l-attur li kien waqaf hesrem u minhabba f'hekk kien baqa' diehel fih l-konvenut u laqatlu l-bieba tan-naha tieghu;

Ix-xhud jispjega ukoll illi meta kien mar jiddiregih minn naha tal-passiggier ma kienx ra l-vettura tal-assikurat tas-socjeta' attrici u fl-ebda hin ma kien rah;

L-impatt sehh hdejn l-entratura tal-*car park* u meta dahal l-assikurat tas-socjeta' attrici kien dahal pjuttost issikat minn naha tax-xellug;

Ix-xhud ighid li hu ma kienx kellem lis-sewwieq l-iehor minhabba li dan ta' l-ahhar kien hareg mill-karozza u kien qal li kien marid u tah hass hazin;

Ix-xhud jikkonferma li l-konvenut kien qed isuq bil-mod, tant li lanqas kwazi kienu qed iduru r-roti;

Ra d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidra;

Il-punt fokali f'dan il-kaz jinkwadra ruhu fuq l-inhawi fejn sehh l-incident, precisament gewwa *car park*, fejn kien hemm vetturi pparkeggjati fuq kull genb. Mill-mod kif kienet ipparkeggata il-vettura misjuqa mill-konvenut li ggib numru ta' registrazzjoni GVH 159, ma kienx hemm triq ohra sabiex johrog mill-*car park* hlief billi johrog b'lura, kif effettivament kien qed jaghmel. Miexi f'din id-direzzjoni kien jirrikjedi "*a proper lookout*" da parti tal-konvenut

specjalment billi il-hrug u dhul fil-car park kien wiehed u ftit kien hemm spazju biex jghaddu il-vetturi u dan jidher li kien qed jigi ezercitat, tant hu hekk li kien anke miexi bil-mod hafna. Mill-provi jirrizulta illi kien hemm terza persuna, Anthony Borg, li kien qed jidderigi lill-konvenut waqt li kien qed jirriversja. Jikkonferma li ma kienx ra il-vettura ta’ l-assikurat tas-socjeta attrici Gaetano Debono, ghaliex dan dahal f’salt u ma kienx hemm mod sabiex jigi evitat l-incident. L-atturi ma gabux provi sabiex jikkontradicu x-xhud okulari;

Jirrizulta li l-post ta’ dhul u hrug mill-car park, kienu l-istess. Mhux kontestat li l-attur dahal gol-*car park* fuq in-naha tieghu, pero’ mill-iskizz jirrizulta li l-vettura misjuqa mill-konvenut kienet diga’ qabzet sew l-entratura tal-*car park*, u jidher li kien qed jipprepara biex johrog. Ghalhekk, huwa evidenti li s-sewwieq Debono ma setax ma jindunax bih, meta dahal minn faccata tieghu specjalemnet tenut kont li kien hemm terza persuna tidderiegi lill-konvenut. Fil-fehma tat-Tribunal m’hemmx spjegazzjoni ghala Debono ma indunax bil-prezenza u manuvra tal-konvenut filwaqt li hemm provi li jindikaw li l-konvenut kien qed jezercita il-prekawzjonijiet opportuni f’dawk ic-cirkostanzi;

Fid-dawl ta’ dawn ic-cirkostanzi, it-Tribunal ihoss li hija aktar kredibbli l-verzjoni tal-konvenut, li l-attur dahal mghaggel sabiex jidhol jipparkja, izda waqaf hesrem meta nduna li kienu hadu l-post vakanti, bil-konsegwenza li sehh l-impatt, ghaliex il-konvenut sab il-vettura misjuqa mill-attur fin-nofs. Dan kollu tant sehh malajr, li fil-fatt, l-konvenut jidher li ma kellux opportunita’ jinduna bil-vettura ta’ Debono sal-mument li sehh l-impatt. Dan gie kkonfermat mix-xhieda prodotta mill-konvenut;

Ghaldaqstant, it-Tribunal ihoss li l-konvenut kien aktar konvincenti u konsistenti ghal dak li jirrigwarda s-segwenza tal-fatti;

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jichad it-talbiet attrici, filwaqt li jakkolji l-eccezzjonijiet tal-konvenut.

Bl-ispejjes kontra l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------